# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-24 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 501/2013 SM**

**Godwin Schembri**

**vs.**

**Lawrence Theuma**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghall-habta tad-9.30p.m. taz-19 ta' Gunju, 2008, l-intimat minghajr raguni valida, hebb ghar-rikorrenti fil-hanut "Key Hole", Triq Hompesh, il-Fgura;

1.2. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti garrab griehi ta' natura gravi kif iccertifikat;

1.3. Illi rizultat tal-istess sofra sfregju f'wiccu li permezz tieghu gie anke certifikat li sofra debilita` permanenti u x'aktarx ikollu intervent mediku f'wiccu;

1.4. Illi rraporta l-akkadut lill-Pulizija, u l-intimat kien imressaq quddiem il-qorti akkuzat bi sfregju gravi u permanenti fuq ir-rikorrenti;

1.5. Illi l-intimat hu:

1.5.1. Responsabbli ghal-incident *de quo*, u

1.5.2. Responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.6. Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.7. Illi konsegwentement kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident *de quo*;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 6);

3. Rat id-digriet ulterjuri tal-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat ukoll id-9 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu tat dawk id-direttivi procedurali li deherilha xierqa, (ara foll 7);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 t'Ottubru, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament irribatta ghat-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti, (ara foll 17):

4.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.2. Illi l-istess talbiet huma infondati *stante* li mhux minnu li l-intimat hebb ghar-rikorrenti;

4.3. Illi in effetti l-intimat kien il-vittma tal-agir insensat tar-rikorrenti;

4.4. Illi mhux minnu li l-intimat ikkaguna danni lir-rikorrenti;

4.5. Illi jekk dawn gew ikkagunati dan kien rizultat tal-agir illegali, abbusiv, u rrisponsabbli tar-rikorrenti li kien hu li aggredixxa lill-intimat minghajr raguni;

4.6. Illi rizultat tal-agressjoni tar-rikorrenti, l-intimat sofra danni fuq il-persuna tieghu;

4.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat il-kontro-talba tal-intimat li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

5.1. Illi l-kontendenti kienu involuti fi glieda ghall-habta tad-9.30p.m. taz-19 ta' Gunju, **2009**;

5.2. Illi kien ir-rikorrenti rikonvenzjonat li aggredixxa lill-intimat ghal xejn b'xejn;

5.3. Illi l-intimat rikonvenzjonanti garrab griehi fuq il-persuna tieghu;

5.4. Illi l-intimat rikonvenzjonanti intavola rapport lill-pulizija fir-rigward, li fuq l-iskorta tal-istess resqet lir-rikorrenti rikonvenzjonat il-qorti li eventwalment nstab hati;

5.5. Illi l-intimat rikonvenzjonanti sofra danni rizultat tal-istess incident li ghalihom hu responsabbli r-rikorrenti rikonvenzjonat;

5.6. Illi konsegwentement juzufruwixxi ruhhu minn din il-procedura u jitlob lill-qorti odjerna:

5.6.1. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonat hu responsabbli ghad-danni in dizamina sofferti mill-intimat rikonvenzjonanti;

5.6.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess intimat rikonvenzjonanti, akkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

5.6.3. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonat ihallas lill-intimat rikonvenzjonanti d-danni hekk likwidati;

5.6.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra r-rikorrenti rikonvenjonat;

6.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonanti datata iz-19 ta' Novembru, 2013, li permezz tal-istess sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 24):

6.1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma preskritti *ai termini* tal-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 fuq gia` citat;

6.2. Illi l-istess talbiet rikonvenzjonanti huma infondati *stante* li ma sehh l-ebda incident fiz-19 ta' Gunju, **2009**;

6.3. Illi ghalhekk l-intimat rikonvenzjonanti ma sofra l-ebda danni kif minnu allegat fil-kontro-talba tieghu;

6.4. Illi konsegwentement mhux il-kaz li din il-qorti tillikwida d-danni;

6.5. Illi mhux minnu li r-rikorrenti rikonvenzjonat instab hati fil-Qorti tal-Magistrati, anzi qatt ma gie interpellat fir-rigward;

6.6. Illi jekk sehh xi incident dan sehh tort tal-intimat rikonvenzjonanti;

6.7. Illi ghalhekk it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonanti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6.8. Salv risposti ulterjuri;

7. Rat id-digriet datat it-3 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu giet nominata assistent gudizzjarju, (ara foll 29 u 30), u d-digriet datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess biex tirritorna l-inkartament fl-atti tal-procedura, (ara foll 37);

8. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 115), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 117 u 154);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata t-28 t'Ottubru, 2016, (ara foll 134), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-15 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 155);

10. Rat il-verbal datat it-3 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-intimat iddikjara li kien qed jistrieh fuq in-nota pprezentata in atti, (ara foll 170);

11. Innotat li l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti ghazlu li ma jkunux prezentati ghall-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali tal-kaz, (ara foll 170);

12. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

13. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi l-vari dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi kuntrarjament ghal dak ritenut mill-intimat rikonvenzjonanti, (ara foll 19), l-incident in dizamina jirrizulta li effettivament sehh fiz-19 ta' Gunju, 2008, (ara rapport tal-Pulizija a foll 33 u 90);

14.2. Illi l-istess incident sehh qrib il-hanut bl-isem *"Keyhole Bar"*, fi Triq Hompesch, il-Fgura, (ara foll 33 u 90);

14.3. Illi l-versjonijiet tal-kontendenti huma divergenti u kontrastanti;

14.4. Illi r-rikorrenti isosstni li waqt li kien ghaddej minn quddiem l-imsemmi hanut xi hadd ghamillu hoss dispregjattiv, (ara foll 33);

14.5. Illi meta hares biex jara min seta' ghamillu dan il-hoss ra sitta (6) min-nies, (ara foll 33), izda meta saqsa min seta' ghamel l-istess hoss l-intimat indika lilu nnifsu, (ara foll 34);

14.6. Illi meta r-rikorrenti talab ghar-raguni ghall-istess, l-intimat injorah, (ara foll 34);

14.7. Illi meta r-rikorrenti rega' ghamel l-istess domanda l-intimat hasdu u waddabblu t-tazza tal-pinta tal-birra lejn wiccu, flimkien ma tazzi ohrajn, (ara foll 34);

14.8. Illi immedjatament wara dan l-assalt bit-tazzi r-rikorrenti isosstni li l-intimat gidimlu wiccu n-naha tax-xellug ta' geddumu u ma riedx jillenta l-gidma u pprova jaqtalu bicca laham barra, (ara foll 34);

14.9. Illi r-rikorrenti mar l-Ghassa ta' Rahal Gdid fejn issottometta rapport tal-incident, (ara foll 34);

14.10. Illi min-naha tieghu l-intimat jichad li ghamel dan il-hoss dispregjattiv lir-rikorrenti, (ara foll 48);

14.11. Illi r-rikorrenti mar ghal fuq l-intimat fejn kien bilqeghda fuq barra tal-istess hanut min-naha l-ohra tat-triq u imbutta lill-istess intimat bil-mejda b'kollox, biex l-intimat spicca taht il-bankina, (ara foll 48);

14.12. Illi rizultat tal-waqgha l-istess intimat habat rasu u storda, (ara foll 48);

14.13. Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti hu ta' statura twila hafna u hu izghar minnu fl-eta`, (ara foll 48);

14.14. Illi l-intimat intalab imur l-Ghassa ta' Rahal Gdid fejn ta l-versjoni tieghu tal-akkadut, (ara foll 49);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-kontendenti t-tnejn jissottolineaw li l-azzjoni in dizamina hi preskritta *ai termini* tal-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 fuq indikat, (ara foll 17 ghall-intimat, u foll 24 ghar-rikorrenti rikonvenzjonat);

16.0. Illi l-imsemmija artikli jittrattaw il-preskrizzjoni b'dan il-mod:

16.1. **2153:** L-azzjoni ghall-hlas ta' danni li ma jkunux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn;

16.2. **2154:** Fil-kaz li d-danni jkunu ikkagunati b'reat, allura l-perjodu preskrittiv tal-azzjoni civili jigu determinati mir-regoli stabbiliti fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali;

Ikkunsidrat:

17. Illi l-intimat rikonvenzjonanti isosstni bil-gurament tieghu fil-kontro-talba tieghu li r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghall-akkuzi li kkaguna griehi fuq il-persuna tal-istess intimat u nstab hati tal-istess, (ara foll 19);

18. Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali la c-citazzjoni *de quo* u lanqas is-sentenza hemm riferita fil-kontro-talba tal-intimat ma jirrizultaw li kienu esebiti;

19. Illi ghalhekk, tali affermazzjoni guramentata hi razenti l-ispergur kemm ta' minn affermha kif ukoll ta' min avallha billi ipprezentha taht il-firma tieghu fi process gudizzjarju guramentat;

Ikkunsidrat:

20. Illi *nonostante* id-difett serju fuq accennat, bil-ghan li jigi stabbilit liema hu t-terminu preskrittiv li ghandu effettivament japplika fil-procedura odjerna, ssir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Superjuri)***, fl-ismijiet ***Mary Ann Borg nomine vs. Korporazzjni EneMalta et***, datata l-***31 ta' Jannar, 2014***, li tghid:

> "Jekk l-azzjoni civili tintlaqax bl-artiklu 2153 jew mill-artiklu 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx hati ta' reat, izda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti civili sal-grad ta' prova li trid il-ligi civili – illi l-fatt ma sehhx, l-azzjoni tfalli mhux minhabba l-preskrizzjoni izda ghax il-premessa tal-azzjoni ma gietx provata. Izda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-ligi civili tghid illi, ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma sabitx htija ta' reat dan *ipso iure* jwassal ghall-konkluzzjoni li l-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz ma hijiex dik taht l-artiklu 2154";

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalhekk f'dan l-istadju hu ghaqli li jigi ezaminat jekk l-ghemil riskontrat jikkostitwix reat kriminali jew le, biex jekk fl-affermattiv, ikun allura japplika l-artiklu 2154 tal-Kodici Civili fir-rigward;

Ikkunsidrat:

22. Illi kif jirrizulta b'mod oggettiv mic-certifikat mediku datat iz-19 ta' Gunju, 2008, ir-rikorrenti Schembri kellu gidma fuq in-naha tax-xellug tal-geddum b'nuqqas ta' gilda fl-istess area, (ara foll 95), oltre xi grif u tbengil fuq il-kappell t'ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 95);

23.0. Illi r-rikorrenti sintetikament isosstni li l-intimat:

23.1. Waddablu tazza tal-pinta tal-birra lejn wiccu;

23.2. Baqa' jwaddab tazzi ohra lejn l-istess rikorrenti;

23.3. Gidimlu l-geddum fuq in-naha tax-xellug u beda jaqtalu bicca mill-laham, (ara foll 34);

24.0. Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti:

24.1. Mar fuqu;

24.2. Imbuttah fuq mejda kollha tazzi, b'kulhadd jaqa' mal-art;

24.3. Meta kienu hekk fl-art bl-intimat taht ir-rikorrenti, dan tal-ahhar beda jtieh kif gie gie;

24.4. Illi rizultat tal-istess l-intimat mar ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid biex idewwi l-griehi li sofra, (ara foll 51 u 92);

24.5. Illi jsosstni li r-rikorrenti beda jghajjat li kien ha johodlu "ghoxrin elf" u bihom jixtri Mercedes, (ara foll 49);

24.6. Illi l-intimat ipprezenta erba (4) ritratti li juru l-griehi minnu sofferti, (ara foll 53 sa 55);

24.7. Illi attenda sessjonijiet ta' fizjoterapija, (ara foll 56);

25. Illi l-versjoni tal-intimat hi suffrogata mill-versjoni tax-xhieda Anthony Compagno, (ara foll 64), u Emanuel Zahra, (ara foll 61);

26. Illi t-tabib Dr Stephen Spiteri ikkonferma li kien ezamina lill-intimat u li ra l-feriti minnu sofferti kif jidhru fir-ritratti esebit mill-istess intimat, (ara foll 53 sa 55 u foll 77);

Ikkunsidrat:

27. Illi ghandu jkun pacifiku li l-atti fuq elenkati mill-kontendenti u mix-xhieda minnhom imressqa effettivament jikkonfiguraw f'atti li jikkostitwixxu reati diversi;

28. Illi ghalhekk, fid-dawl tad-direzzjoni moghtija fis-sentenza fl-ismijiet ***Borg nomine vs. Korporazzjoni EneMalta et***, (ara paragrafu numru ghoxrin, (20.), aktar qabel), l-atti li taw lok ghall-kawza civili odjerna effettivament jinkwadraw fl-artiklu 2154 tal-Kap 16 *de quo* li allura qed tigi akkolta, u konsegwentement, it-talba li l-istess jinkwadraw fl-artiklu 2153 tal-istess Kap qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

29. Illi fid-dawl tas-suespost issir allura referenza ghall-artiklu 216(1)(b) tal-Kap 9 li jistabbilixxi li offiza fuq il-persuna tkun meqjusa bhala offiza gravi meta ggib mankement jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz, u din tattira l-piena ta' prigunerija minn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin;

30. Illi *ai termini* tal-artiklu 688(d) tal-istess Kap 9 fuq riferit, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' (4) snin u mhux anqas minn sena (1);

Ikkunsidrat:

31. Illi stabbilit is-suespost, jirrizulta assodat li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-procedura odjerna hi dik ta' hames (5) snin;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi fid-dawl tal-istess hu issa opportun li jigi stabbilit l-*iter* temporali tal-procedura in dizamina li jista' jigi kostitwit bil-mod segwenti:

32.1. Illi l-incident in dizamina sehh fiz-19 ta' Gunju, 2008, (ara foll 90);

32.2. Illi l-kawza odjerna giet introdotta fis-27 ta' Mejju, 2013, (ara foll 1);

32.3. Illi t-talba rikonvenzjonanti giet intavolata fid-29 t'Ottubru, 2013, (ara foll 19);

32.4. Illi t-termini preskrittiv jiskadi fiz-19 ta' Gunju, 2013;

33. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata entro il-perjodu preskrittiv;

34. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari tal-intimat, (ara paragrafu numru erba' punt wiehed, (4.1.), aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

35. Illi in vista tas-suespost imiss issa li jig ezaminat il-meritu tal-procedura in dizamina;

36. Illi l-intimat isosstni li l-griehi minnu sofferti kienu rizultat tal-aggressjoni li hu sofra mir-rikorrenti u ghalhekk huma konsegwenza ta' *legittima difesa*;

37. Illi pero` minn ezami tal-griehi riskontrati fuq ir-rikorrenti jirrizulta li dawn huma kompatibbli ma daqqiet ta' oggett li jaqta' – versosimilment tazza tal-hgieg – u gidma, u ghalhekk griehi ta' natura gravi;

38. Illi min-naha tieghu l-intimat sofra biss griehi ta' natura hafifa;

39. Illi jirrizulta ampjament assodat li kien l-intimat li gidem lir-rikorrenti f'geddumu;

40. Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-intimat fuq il-mertu, (ara paragrafu numru erba' punt tnejn, (4.2.), *et sequitur* aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;

41. Illi konsegwentement, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

42.0. Illi fir-rigward tad-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

42.1. Illi r-rikorrenti jissottometti li sofra dizabilita` permanenti ta' 3%, (ara foll 35 u 167);

42.2. Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li ma ingiebet l-ebda prova mir-rikorrenti fir-rigward;

42.3. Illi l-istess rikorrenti naqas ukoll jipproduci provi oggettivament riskontrabbli rigward l-eta` u l-introjtu salarjali tieghu;

43. Illi kif ribadit fl-artiklu 562 tal-Kap 12 *de quo*:

> "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";

44. Illi konsegwentement, stante li r-rikorrenti naqas li jgib il-provi fir-rigward, it-tieni (2), u t-tielet (3) talba tieghu, (ara paragrafu numru wiehed punt seba' punt tnejn, (1.7.2.), u wiehed punt seba' punt tlieta, (1.7.3.), aktar qabel, u foll 2), qed jigu respinti *stante* li mhumiex pruvati;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi dwar il-kontro-talba jinghad sintetikament is-segwenti:

45.1. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat jeccepixxi preliminarjament li l-kontro-talbiet tal-intimat huma preskritti, (ara

paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 24);

45.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 221(1) tal-Kap 9 li jistabbilixxi li:

> "L-offiza fuq il-persuna li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija htija hafifa, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa";

45.3. Illi ssir ukoll referenza ghall-artiklu 688(e) tal-istess Kap 9 fuq indikat li tistabbilixxi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

> "... bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet";

Ikkunsidrat:

46. Illi jirrizulta li l-offiza li minnha jilmenta l-intimat hi wahda ta' natura hafifa;

47. Illi konsegwentement il-procedura in dizamina taqa' taht l-artiklu 221(1) tal-Kap 9 fuq riferit;

48. Illi konsegwentement, ai termini tal-artiklu 688(e) tal-istess Kap 9 fuq riferit, it-terminu preskrittiv ghall-kontro-talba tal-intimat hu dak ta' sentejn (2);

Ikkunsidrat:

49. Illi f'dan ir-rigward japplika wkoll l-iter temporali indikat aktar qabel, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32.)), li ghall-ekonomija tal-gudizzju mhux ser jigi riprodott anke f'dan l-istadju ghalkemm ovvjament qed tistrieh fuqu;

50. Illi ghalhekk meta jigu pparagunati d-data tal-incident ma dik ta' meta giet inoltrata l-kontro-talba, l-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) jirrizulta li kien abbundantement superat;

51. Illi ghalhekk il-kontro-talba tirrizulta li hi preskritta u konsegwentement, l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonat, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 24), ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

52.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ssodisfa t-talbiet tieghu *in parte*, u konsegwentement:

**DECIDE:**

52.1. Takkolji l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;

52.2. Tirrespingi t-tieni (2) u t-tielet (3) talba tar-rikorrenti;

52.3. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

52.4. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonanti kontenuti fil-kontro-talba tieghu;

(*)
52.5. ~~Takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tar-rikorrenti rikonvenzjonat, dik rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16, *de quo* u tirrespingi bhala irrilevanti dik rigwardanti l-artiklu 2154 tal-istess Kap;~~

52.6. Tirribadixxi li l-incident in dizamina sehh fiz-19 ta' Gunju, 2008, u ghalhekk takkolji wkoll it-tieni risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-intimat;

52.7. Takkolji r-risposti l-ohra kollha tar-rikorrenti rikonvenzjonat;

(*) Takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tar-rikorrenti rikonvenzjonant, u cjoè dik rigwardanti l-Artikolu 2154 tal-Kap 16, u tirrespingi bhala irrilevanti dik rigwardanti l-Artikolu 2153 tal-istess Kap 16, erronjament iddikjarat. [signature] 20/1/25

52.8. Tiddikjara ghalhekk li l-intimat kien unikament responsabbli ghall-akkadut;

52.9. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**